**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġuże' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 06/08(25_06_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-20 ta' Ġunju 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-Laqgħa tal-Lokalita'.
6. Offerti għall-Kiri ta' Makkinarju u Xogħol ta' Bankini.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Il-Proġett tal-*Playing Field*.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Denis Borg, Camera di Commercio Italo-Maltese rigward il-Mediterranean Fine Food Exhibition li ser jorganizzaw mill-1 sat-3 t' Ottubru 2008 f' Dar il-Mediterran, Valletta. Din il-Fiera hija miftuħa għal sidien ta' Lukandi, Ristoranti u Importaturi u għalhekk il-Kunsill ġie mitlub sabiex jinfurmahom b' din l-opportunita' li jieħdu sehem f' din il-Fiera. Mehmuż kien hemm xi materjal b' aktar informazzjoni fuq il-Fiera u ngħata wkoll l-indirizz tas-sit elettroniku.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Daniela Spiteri, Ko-Ordinattriċi, Fondazzjoni OASI rigward ir-rikonoxximent 'Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2008'. Hija stiednet lill-Kunsill sabiex jagħmel in-nomini tiegħu u bagħtet kopja tar-regolamenti u formola ta' applikazzjoni filwaqt li indikat ukoll l-indirizz tas-sit elettroniku.

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward xi ristrutturar fosthom l-ingaġġ ta' impjegati ġodda li wettaq dan id-Dipartiment. Huwa bagħat *organisational structure* u lista aġġornata ta' l-Uffiċjali tad-Dipartiment bil-kariga tagħhom u dettalji oħra. Id-Dipartiment beħsiebu jkompli jsaħħaħ l-istrutturi tiegħu bil-għan li jtejjeb dejjem aktar is-servizzi tiegħu.

2.04 Il-Kunsill irċieva MEMO/08/358 – Brussels, 3 ta' Ġunju 2008 permezz ta' *e-mail* mingħand Ms Lilian Vassallo, Media, Information and Communications Assistant, Kummissjoni Ewropea Rappreżentanza f' Malta. Din kienet bit-tema '112, the single European Emergency Number: Frequently Asked Questions'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2008 mingħand is-Sur Silvio Frendo, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Ħinijiet tax-Xogħol ta' l-Impjegati'. Huwa rrefera għal dik il-parti ta' l-Avviż Legali li titkellem b' mod ċar dwar is-sigħat li għandhom jaħdmu l-impjegati tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarji Eżekuttivi ġew mitluba sabiex jaraw li dawn ir-regolamenti jiġu osservati u jibgħatu dikjarazzjoni f' dan id-Dipartiment dwar kif ser jaħdem kull ħaddiem fix-xahar t' Awissu u kif ser jinħadmu matul ix-xhur tas-sena s-sigħat neqsin t' Awissu. F' aħħarnet, dan id-Dipartiment reġa' ġibed l-attenzjoni dwar il-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-Uffiċċju kif stipulat fl-Artiklu 48(2) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-30 ta' Mejju 2008, u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Proċedura ġdida dwar Ġemellaġġi'. Huwa qed jinforma li nħasset il-ħtieġa li l-arranġamenti jkunu regolati bil-għan li jiddaħħal sens ta' pjanar serju dwar il-benefiċċji tanġibbli li l-Kunsill ikun qed jistenna minn dan il-Ġemellaġġ. Dawn il-proċeduri ġew diskussi ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li minn-naħa tagħhom ikkontribwew għalihom. Mehmuż kien hemm il-*Policy* il-ġdida dwar il-proċedura għall-Ġemellaġġi.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Prinċipal Pat u Joe Hamilton rigward l-English Language Courses li ser isiru kemm f' livelli Primarji kif ukoll Sekondarji. Il-korsijiet jikkonsistu fi 8 lezzjonijiet ta' siegħa l-waħda u jsiru kull nhar ta' Ħamis bejn Lulju u Awissu 2008 f' Ninu Cremona Boys Lyceum, Victoria. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħmel din l-informazzjoni għall-pubbliku.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02754/08 – *Additions and alterations to existing dwelling* fi Triq San Pawl, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali bl-Aġenda tal-Laqgħa għas-Sindki li ser issir fid-19 ta' Mejju 2008, fil-Kunsill Lokali tal-Munxar.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00281/08 – *To sanction alterations and additions and add third floor* fi Triq il-Qsajjem kantuniera ma' Triq il-Puniċi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr Julian Vassallo, Head, European Parliament Valletta Office rigward l-ewwel Civil Forum minn serje li ser jorganizzaw din is-sena li għalih il-Kunsill huwa mistieden. Huwa ta xi informazzjoni dwar dan il-Forum bit-tema 'Gozo as an Ecological Island' li ser isir fil-5 ta' Ġunju 2008 f' Ta' Mena Estate, Marsalforn.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Tonio Fenech, Ministru, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment rigward 'Seminar in preparation of the Pre Budget Document 2009' bit-tema 'Gozo – A holistic approach to regional needs' li ser isir fl-10 ta' Ġunju 2008, fil-Grand Hotel, Għajnsielem. Huwa tkellem dwar l-iskop ta' dan is-*seminar* u stieden lill-Kunsill sabiex jattendi.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Giovanna Debono, Ministru, Ministeru għal Għawdex fejn wasslet l-apprezzament tagħha għall-mod kif il-Kunsill ħadem u kkollabora mal-Ministeru għal Għawdex u l-organizzaturi ta' l-avveniment Gozo 1234. Hija semmiet kif l-impenn u l-interess tal-Kunsill kienu element effettiv li bis-saħħa tiegħu ġie assigurat is-suċċess ta' din l-attivita' u rringrazzjatu għall-ħidma tiegħu partikolarment billi din issarrfet ukoll f' ġid ekonomiku u soċjali għall-gżira ta' Għawdex.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kopja ta' permess li din l-Assoċjazzjoni rċeviet mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan il-permess maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Artijiet huwa sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 'Ta' Nona Snack Bar', Triq ix-Xatt, Xlendi.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jinforma li l-ebda Kunsill Lokali ma għandu jidħol f' diskussjonijiet mal-Kolletturi ta' l-iskart dwar żieda fit-tariffi tal-ġbir ta' l-iskart, speċjalment dwar xi talba biex tagħmel tajjeb dwar il-prezz tad-*diesel*.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur George Borg, Chief Executive, Gozo Tourism Association (GTA) fejn wera x-xewqa tagħhom li jiltaqgħu mal-Kunsill dwar il-Bajja tax-Xlendi peress li fi żmien qasir ser jibda x-xogħol turistiku f' din il-bajja pittoreska. Għaldaqstant, qed jipproponu li ssir laqgħa fis-16 ta' Ġunju 2008, fl-Uffiċċju tal-GTA, Victoria.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Winston Spiteri, Parliamentary Secretariat For Youth and Sport rigward 'Għaqdiet taż-Żgħażagħ fil-Munxar'. Huwa qed jitlob lista b' diversi dettalji ta' għaqdiet taż-żgħażagħ li hawn fil-Munxar sabiex is-Segretarjat jaġġorna l-lista tiegħu ta' għaqdiet li jaħdmu maż-żgħażagħ u b' hekk ikun jista' jżommhom attivi għal ġid tas-soċjeta'. Huwa japprezza li din l-informazzjoni tgħaddi għandu mill-aktar fis possibbli biex jibdew jiltaqgħu magħhom sabiex jaraw aktar mill-qrib x' inhuma x-xewqat taż-żgħażagħ u l-ħtiġijiet tagħhom.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA fejn il-Kunsill ġie informat li ġew approvati l-*minor amendments* proposti fir-rigward ta' Applikazzjoni Nru. PA 04311/02 - *Request for Minor Amendments to Approved Permit* fil-Munxar *Playing Field*, Triq Profs. Ġuże' Aquilina kantuniera ma' Triq Santa Dminka, Munxar.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02414/08 – *Excavation of underground restaurant connected to existing underground tunnel* fi Triq San Xmun, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 02463/08 – *To relocate statue of St. Joseph from façade of premises at Triq ix-Xatt, Xlendi to façade of multi-purpose hall* fil-Bajja tax-Xlendi, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 02489/08 – *To demolish existing building and erect flats and garages* fi Triq il-Kantra, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Dr Andrew Azzopardi, Lecturer, Department of Youth & Community Studies, Faculty of Education, University of Malta rigward programm li huwa jipproduċi u jippreżenta fuq Campus FM li jismu 'Taħt l-Ilma'. Dan il-programm jitratta diversi *issues* marbutin mal-baħar u mas-Sajf. Peress li l-Kunsill Lokali tal-Munxar jinsab viċin il-baħar huwa qed jistieden lill-Kunsill għall-programm tiegħu, fid-9 ta' Lulju 2008. Jekk il-Kunsill ikun ser jattendi, huwa jista' jibgħatlu l-mistoqsijiet/temi ewlenin li jkun ser jitratta.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur David Apap Agius, Tourism Zone Officer, Product Development Directorate, Malta Tourism Authority rigward xogħol ta' kostruzzjoni. Ġew indikati l-*areas* u t-toroq li fihom ma jistax isir xogħol ta' *trenching*, *excavation* u *demolition* fl-istaġun tas-Sajf li jibda mill-15 ta' Ġunju sa l-aħħar ta' Settembru ta' kull sena. Huwa bagħat ukoll ir-Regulations for the Environmental Management of Construction Sites.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, sabiex jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħat l-Aġenda. Il-Kunsill ippropona din l-Aġenda.

1. Fondi Speċjali għall-Bajja tax-Xlendi fl-Allokazzjoni Annwali.
2. Proposta biex parti mid-dħul tal-liċenzi ta' Stabbilimenti tax-Xlendi jintneffqu fix-Xlendi.
3. Talba biex żewġt ħaddiema jkunu assenjati mal-Kunsill peress li l-Kunsill għandu ħaddiem wieħed.
4. Il-ħtieġa biex proġetti tal-Kunsilli Lokali jingħataw prijorita' mill-Awtoritajiet.
5. Bżonn biex isiru iżjed kontrolli fuq skart iġġenerat minn Stabbilimenti ta' l-Ikel.
6. Aktar titjib fis-servizz tal-*Wardens*.
7. Devoluzzjoni tal-Bini minn fejn qed jopera l-Kunsill.

3.02 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-KIP Għawdex Ltd. bagħtet lis-sid tar-Restaurant C7 peress li ma huwiex juża s-servizz ta' ġbir ta' *swill*. Kopja ta' din l-ittra ngħatat lill-Malta Tourism Authority, Għawdex.

3.03 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' applikazzjoni li resident fil-Pjazza tal-Knisja għamel biex tiġi eliminata parti ta' triq u ssir ġnien quddiem id-djar rispettivi. Il-Kunsill ma jistax iressaq xi oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni msemmija għaliex l-applikazzjoni saret fuq art privata. Meta l-Kunsill talab l-approvazzjoni mingħand il-Lands Department għall-Proġett tal-Pjazza approvat mill-MEPA ġejna infurmati li parti minn dan il-proġett qiegħda fuq art privata. Meta tlabna x' għandu jsir ġejna infurmati li qabel il-Kunsill ikun jista' jiżviluppa dik il-parti ta' l-art privata, l-ewwel trid issir talba sabiex issir esproprjazzjoni ta' l-art minn xi Dipartiment jew Aġenzija tal-Gvern u jitħallsu s-sidien. Il-Kunsill ma jistax jissottometti talbiet għall-esproprjazzjoni.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Organizzatur tal-Bikers BBQ Night / Motorbike Show sabiex jinġabru fondi għall-Arka Respite Centre. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħti donazzjoni ta' €100 *(Lm42.93)*.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand U Communications Ltd. fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-istazzjon UTV beda programm bl-isem ta' 'Waslet il-Festa . . . mill-Kunsill'. Dan il-programm għalkemm ser jixxandar fi żmien il-festa tal-lokal, ser ikun programm kollu kemm hu dwar il-Kunsill Lokali, programm li ser iwassal kull informazzjoni fuq attivitajiet li l-Kunsill ikun ser iwettaq. Huma qed jitolbu €85 *(Lm36.49)*. Il-Kunsill ma aċċettax din il-proposta.

3.06 Il-Kunsill irċieva mingħand persuna mill-Ingilterra fejn faħħret l-inizjattiva tal-Kunsill li jxandar il-festa tal-Munxar mill-*internet*.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Victoria Scout Group. Huma qed jistiednu żewġt itfal mil-lokalita' tal-Munxar ta' bejn il-11 u 15–il sena li jixtiequ jesperjenzaw jumejn kamp ma' l-Iscouts fil-bidu t' Awissu. Ġie deċiż li l-Kunsill jgħid lill-Kappillan biex jagħmel avviż.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap ta' l-Iskola Sekondarja Konservatorju ta' l-Isqof fejn infurmat lill-Kunsill li peress li mir-raħal tal-Munxar qed jattendu numru ta' studenti, huma qed jitolbu lill-Kunsill biex ikun ġeneruż u joffri donazzjoni ta' kotba għal-librerija. Ġie deċiż li l-Kunsill iħallas b' €100 *(Lm42.93)* f' kotba.

3.09 Peress li kienet għaddiet sena minn meta l-Kunsill kien ta donazzjoni lill-MUSEUM ta' Sannat u peress li din is-Soċjeta' qiegħda tipprovdi trasport lit-tfal tal-Munxar sabiex jattendu l-laqgħat f' Sannat, il-Kunsill reġa' ddeċieda li jagħti donazzjoni ta' €350 *(Lm150.26)*.

3.10 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta ta' Triq il-Qsajjem fix-Xlendi. Hija qed tilmenta dwar skart li qed jitpoġġa taħt ir-residenza tagħha minflok ma qed jitħalla quddiem kull residenza. Il-Kunsill kien ser jibgħat *stickers* sabiex jitpoġġew mis-sid il-*block*.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 06/08(25_06_08).

**5.00 Il-Laqgħa tal-Lokalita'.**

5.01 Il-Laqgħa tal-Lokalita' saret il-Ħamis, 12 ta' Ġunju 2008. Il-laqgħa għar-residenti tal-Munxar saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-6 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv. Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier kienet skużata. Għal din il-laqgħa attenda resident wieħed. Huwa qajjem il-każ tiegħu dwar il-bankina u ngħata spjegazzjoni dwar il-proċedura li ser tittieħed rigward it-tkomplija tal-bankina.

5.02 Il-laqgħa għar-residenti tax-Xlendi saret il-Ħamis, 12 ta' Ġunju 2008, fil-Lukanda St. Patrick's, fis-7 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm madwar 20 resident tax-Xlendi. Il-pubbliku preżenti ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar dawn il-punti:

- Ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Qsajjem qed isiru fi żmien ħażin peress li fi żmien jumejn it-traffiku kollu tax-Xlendi jrid jgħaddi minn Triq il-Qsajjem peress li fil-Fontana ser ikun hemm il-Festa.
- Fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun il-*buses* qed ikunu pparkjati barra s-sinjali u qed iħalluhom bil-magna mqabbda.
- Iċ-ċint tal-Pjazzetta ta' Triq San Xmun għadu mingħajr *railing* u jrid isir *trimming* tas-siġar.
- Hemm ramel maġenb it-*telephone box* sabiex jitneħħa.
- Il-*Bus Shelter* ta' Triq San Xmun ma hijiex tintuża peress li ma jgħaddux *buses* tal-linja.
- Issemmiet il-problema tal-imwejjed, siġġijiet u tined fix-Xlendi u dwar meta Triq ix-Xlendi ser tittranġa.
- Sar suġġeriment biex il-*buses* fix-Xlendi jagħtu s-servizz sal-11 ta' filgħaxija bħal Marsalforn u mhux sat-8 ta' filgħaxija.
- Il-bankijiet tal-*concrete* li hemm max-Xtajta għadhom ma tranġawx u parti minn Triq il-Kantra għada trid titnaddaf.
- Issemmiet il-problema ta' skart li qed jitpoġġa mis-sidien ta' Stabbilimenti ta' l-Ikel.

5.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar azzjonijiet li ħa rigward punti li tqajjmu fil-Laqgħa tal-Lokalita'.

- It-tiswijiet li kienu qed isiru fi Triq il-Qsajjem tlestew fi żmien stipulat.
- Il-Kunsill kellem lill-*Wardens*, Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u kiteb dwar il-problema li l-*coaches* iħallu l-magna taqbad.
- *Railings* fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun qed isiru.
- Ir-ramel ta' ħdejn it-*telephone box* fi Triq il-Kantra ser jitneħħa.
- Dwar il-*Bus Shelter*, il-Kunsill kien kiteb lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.
- Rigward imwejjed, siġġijiet u tined li qed jimblokkaw il-passaġġ fix-Xlendi, l-Kunsill kien diġa' kiteb lill-MEPA, Malta Tourism Authority u l-Lands Department.
- Huwa ppjanat li jsir xogħol fuq il-bankijiet tal-*concrete* mill-ħaddiema tal-Gvern.
- Hemm il-ħsieb li jibda jsir ġbir ta' skart *extra* kull nhar ta' Ħadd.

**6.00 Offerti għall-Kiri ta' Makkinarju u Xogħol ta' Bankini.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar l-offerti għall-Kiri ta' Makkinarju. Kienu ntefgħu erba' offerti li kienu:

1. P&J Debono Construction Ltd.
2. Road Construction Co. Ltd.
3. William Xuereb
4. Bugeja Brothers (Gozo) Ltd.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' William Xuereb peress li huwa għandu l-orħos makkinarju għall-kiri.

6.02 Il-Kunsill kien irċieva offerta waħda għall-Kostruzzjoni ta' Bankini. L-offerta kienet ta' Bugeja Brothers (Gozo) Ltd.
Skont il-Perit Saliba din l-offerta hija raġunevoli ħafna u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li l-offerta tingħata lilu.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu għadhom kemm twaħħlu l-*cat's eyes* fit-toroq ta' madwar il-*Playing Field*. Twaħħlu wkoll *sprinklers* sabiex ikunu jistgħu jissaqqew żewġt *soft areas* viċin il-Kunsill. Fix-Xlendi qed jitkompla xogħol ta' żebgħa.

**8.00 Il-Proġett tal-*Playing Field*.**

8.01 Bħalissa l-Perit Formosa qed jaħdem fuq pjanti finali tal-*Playing Field* peress li kien hemm il-ħtieġa li jsiru xi tibdiliet.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret talba mill-Kunsill ta' Sannat sabiex issir xarabank mill-Munxar u Sannat għal Ta' Pinu kull nhar ta' Erbgħa. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

9.02 Is-Sindku attenda għal-laqgħa Ecological Gozo, f' Ta' Mena Complex, għal-laqgħa tal-LAG u laqgħa mas-Sur David Soler dwar ix-Xlendi. Huwa attenda wkoll għal-laqgħa mal-Gozo Tourism Association fejn ġie diskuss dwar il-problema ta' *swill* tas-sidien ta' Stabbilimenti ta' l-Ikel. Il-Gozo Tourism Association qed titlob lill-Kunsill sabiex jagħmel *Local Plan* għax-Xlendi.

9.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sinjura Georgia Schembri talbet lill-Kunsill sabiex torganizza *talk* dwar *Nutrition* u *Healthy Food*. Din it-*talk* ser tkun mingħajr ħlas u tista' ssir fil-Kunsill jew fiċ-Ċentru Parrokkjali.

9.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mas-Sur David Apap, Zone Officer għal Għawdex u sar qbil li l-Malta Tourism Authority tagħti s-somma ta' €4658 *(Lm1999.68)* sabiex isir aktar tindif fil-Bajja tax-Xlendi fix-xhur tas-Sajf.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-*show* tax-Xlendi ser issir nhar is-Sibt, 19 ta' Lulju 2008. F' din ix-*show* ser ikun hemm kant u żfin minn persuni lokali u barranin.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Saviour Spiteri semma l-bank li għandu jitwaħħal fuq il-bankina fi Triq il-Munxar. Il-Kunsill iddiskuta l-problemi li jistgħu jinqalgħu jekk isir bank fuq bankina u ġie deċiż li l-bank isir faċċata tat-triq.

Is-Sur Saviour Spiteri semma l-problema li qed ikun hemm għat-traffiku fil-kantuniera viċin iċ-Ċimiterju ta' Sannat.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Ma kienx hemm materji oħra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 6 t' Awissu 2008, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***